Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,352, 4 ta' Frar, 2003
Taqsima A

MALTA

ATT Nru. I ta' l-2003

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex iġib 'il quddiem l-ugwaljanza għall-irġiel u n-nisa.

ACT No. I of 2003

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to promote equality for men and women.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GUIDO DE MARCO
President

4 ta' Frar, 2003

ATT Nru. I ta' l-2003

ATT biex iġib 'il quddiem l-ugwaljanza għall-irġiel u n-nisa

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorita ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att ta' l-2003 dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa.

(2) Dan l-Att jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-politika soċjali jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti jew għal għanijiet different ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. (1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:-

"diskriminazzjoni" tfisser diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, jew minħabba responsabbiltajiet li ġġib il-familja u tinkludi t-trattament ta' persuna b'mod anqas favorevoli mit-trattament mogħti jew li jista jkun mogħti lil persuna oħra għal raġunijiet ta' sess jew minħabba responsabbiltajiet li ġġib il-familja u "jiddiskrimina" jew "tiddiskrimina" għandha tiftiehem skond hekk;

"fastidju sesswali" tfisser l-attivitajiet illeġittimi elenkati fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 9;

"impieg" tfisser kull attivita bi qligħ inkluż li l-persuna taħdem għal rasha u tinkludi l-promozzjoni u t-trasferiment għal xi kariga oħra, kif ukoll l-aċċess għal taħriġ vokazzjonali jew professjonali, għal kemm żmien idum l-impieg jew l-esekuzzjoni jew it-terminazzjoni tiegħu;

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza maħtur jew maħtura taħt l-artikolu 11 ta' dan l-Att, u Kummissjoni tfisser il-Kummissjoni mwaqqfa taħt dak l-artikolu;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ugwaljanza;

"taħriġ vokazzjonali" tinkludi kull tip ta' taħriġ vokazzjonali u taħriġ mill-ġdid.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tas-sens tat-test ma titlobx tifsira oħra, l-kliem "raġel" u "mara" jinkludu rġiel u nisa irrispettivament mill-età tagħhom.

(3) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jkun hemm diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess jew minħabba responsabbiltajiet li ġġib il-familja meta:

(a) jingħata trattament anqas favorevoli, direttament jew indirettament, lill-irġiel u lin-nisa minħabba fis-sess jew minħabba responsabbiltajiet li ġġib il-familja tagħhom;

(b) mara tiġi ttrattata b'mod anqas favorevoli minħabba fi tqala li tkun teżisti jew li tista' sseħħ jew it-twellid ta' tarbija;

(ċ) l-irġiel u n-nisa jiġu ttrattati b'mod anqas favorevoli minħabba f'li jkunu ġenituri, r-responsabbiltajiet li ġġib il-familja jew għal xi raġuni oħra li jkollha x'taqsam mas-sess;

(d) trattament ibbażat fuq provvediment, kriterju jew prattika li tqiegħed fi żvantaġġ proporzjon sostanzjalment ogħla ta' membri ta' sess wieħed kemm-il darba dak il-provvediment, kriterju jew dik il-prattika ma jkunux xierqa u meħtieġa u jkunu jistgħu jiġu ġġustifikati permezz ta' fatturi oġġettivi li ma jkollhomx x'jaqsmu mas-sess.

(4) Ebda ħaġa fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu m'għandha titqies bħala li tikkostitwixxi diskriminazzjoni sakemm dak it-trattament -

(a) jingħata sabiex in-nisa jkollhom protezzjoni speċjali matul it-twellid jew it-tqala tagħhom;

(b) ikun jikkostitwixxi miżuri ta' azzjoni pożittiva bil-għan li tinkiseb ugwaljanza għall-irġiel u n-nisa.

(5) Dwar l-aċċess għall-impieg, trattament anqas favorevoli li jkun ibbazat fuq xi karatteristika li jkollha x'taqsam mas-sess m'għandux jikkostitwixxi diskriminazzjoni meta minħabba fl-attivitajiet okkupazzjonali partikolari involuti, jew fil-kuntest li fih dawn jitwettqu, dik il-karatteristika tkun tikkostitwixxi ħtieġa okkupazzjonali ġenwina u meta dak it-trattament jibqa' fil-limiti ta' dak li jkun adatt u meħtieġ fiċ-ċirkostanzi:

Iżda l-piż tal-prova għandu jkun fuq min jallega li hemm ħtieġa okkupazzjonali ġenwina.

3. Ebda ħaġa f'dan l-Att m'għandha tiftiehem bħala li tolqot xi regola dwar il-prattika reliġjuża, l-aċċess għas-saċerdozju jew is-sħubija f'xi ordni reliġjuż jew komunitajiet reliġjużi oħra. Skop ta' dan l-Att.

4. (1) Priniċipali ma jistgħux jiddiskriminaw, direttament jew indirettament, kontra persuna fl-arranġamenti li jsiru biex jiġi stabbilit jew meta jkun qed jiġi stabbilit min għandu jiġi offrut impieg jew fil-pattijiet u l-kondizzjonijiet li l-impieg jiġi offrut abbażi tagħhom jew fid-deċiżjoni dwar min għandu jkun mkeċċi mix-xogħol. Diskriminazzjoni fl-impieg.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-provvedimenti ta' l-artikolu 26 ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, prinċipali jitqiesu wkoll li jkunu ddiskriminaw kontra persuna jekk dawk il-prinċipali – Att XXII ta' l-2002.

(a) imexxu x-xogħol, jagħtu promozzjonijiet, iqassmu l-ħidma, joffru opportunitajiet ta' taħriġ jew xort'oħra jirranġaw il-kondizzjonijiet tax-xogħol hekk li impjegati jiġu assenjati status inqas favorevoli minn oħrajn minħabba fis-sess jew minħabba responsabbiltajiet li ġġib il-familja; jew

(b) jibdlu l-kondizzjonijiet tax-xogħol, jew il-pattijiet ta' impieg ta' impjegati għad-detriment ta' dawk l-impjegati wara li dawk l-impjegati jkunu invokaw xi dritt mogħti lilhom taħt dan l-Att jew ikunu talbu it-twettiq favur tagħhom ta' xi obbligazzjoni jew dmir taħt dan l-Att; jew

(ċ) jonqsu mill-obbligazzjoni li għandhom li jissopprimu l-fastidju sesswali kif provdut taħt is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 9 ta' dan l-Att.

Rapport fuq il-proċeduri ta' impieg.

5. (1) Ikun id-dmir ta' prinċipali fuq talba ta' persuna li tallega li jkun sar fastidju sesswali jew diskriminazzjoni kontriha, jew fuq talba li ssirilhom mill-Kummissarju li jaġixxu minħabba f'xi lment jew xort'oħra, li jipprovdu lil dik il-persuna jew lill-Kummissarju, skond il-każ u fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta ssir dik it-talba, rapport fuq l-allegazzjoni li tkun saret jew il-proċeduri użati mill-prinċipali fil-kwistjoni allegata li tikkostitwixxi fastidju sesswali jew diskriminazzjoni bħal dik.

(2) Il-prinċipali ikollhom jedd għar-rifużjoni ta' dawk l-ispejjeż raġonevoli li jsiru minnhom biex jabbozza u jagħmel ir-rapport mingħand il-persuna li titlob dak ir-rapport;

Iżda dawk l-ispejjeż jistgħu jintalbu mingħand il-persuna responsabbli għal fastidju sesswali jew diskriminazzjoni jekk jirriżulta li dak il-fastidju sesswali jew diskriminazzjoni fil-fatt ikun seħħ.

Banek u istituzzjonijiet finanzjarji.

6. (1) Ebda bank jew istituzzjoni finanzjarja jew kumpannija ta' l-assigurazzjoni m'għandhom jiddiskriminaw kontra xi persuna fl-għoti ta' xi faċilità dwar it-twaqqif, it-tagħmir jew l-inawgurazzjoni jew l-estensjoni ta' xi negozju jew l-inawgurazzjoni jew l-estensjoni ta' xi għamla ta' impieg ta' persuna għal rasha jew ta' l-assigurazzjoni ta' dak in-negozju jew ta' dik il-persuna.

(2) Ebda ħaġa fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu m'għandha titqies li tikkostitwixxi diskriminazzjoni sakemm il-kondizzjonijiet li taħthom tiġi offruta jew miżmuma l-faċilità jew l-assigurazzjoni jkunu jirriflettu konsiderazzjonijiet ġenwini bbażati fuq ir-riskju finanzjarju fl-għoti ta' dawk il-faċilitajiet jew ta' dik l-assigurazzjoni.

Parteċipazzjoni ta' konjuġi fl-attivitajiet ta' sieheb minnhom bħala persuna li tkun taħdem għal rasha.

7. (1) Il-konjuġi ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom li ma jkunux impjegati tagħhom jew sħab magħhom, u li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-ħaddiema li jaħdmu għal rashom u li jwettqu l-istess ħidmiet jew ħidmiet anċillari bħal konjuġi tagħhom, ikollhom jedd jirċievu mingħand il-konjuġi tagħhom kumpens xieraq għall-attività tagħhom li jkun daqsinsew il-valur tal-kontribuzzjoni li huma jagħmlu.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma japplikawx meta tkun tissussisti bejn il-konjuġi sistema ta' Komunjoni ta' l-Akkwisti jew ta' Komunjoni tar-Residwi taħt amministrazzjoni separata.

Edukazzjoni u gwida vokazzjonali.

8. (1) Ebda stabbiliment edukattiv jew stabbiliment ieħor li jagħti taħriġ jew gwida vokazzjonali ma jista' jiddiskrimina kontra xi ħadd -

(a) fl-attendenza għal xi kors, taħriġ jew gwida vokazzjonali; jew

(b) fl-għoti ta' appoġġ edukattiv għal studenti jew trainees; jew

(ċ) fl-għażla u fl-implimentazzjoni tal-kurrikula; jew

(d) fil-valutazzjoni ta' kull ħila jew konoxxenza ta' l-istudenti jew *trainees*.

(2) Jekk il-persuni responsabbli għal tali stabbilimenti u entijiet jonqsu milli jwettqu l-obbligu li jkollhom li jissopprimu l-fastidju sesswali kif provdut taħt is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 9 ta' dan l-Att, tali nuqqas ikun għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jikkostitwixxi diskriminazzjoni.

(3) Ikun id-dmir ta' stabbilimenti u entijiet edukattivi li jipprovdu taħriġ vokazzjonali, fil-parametri tal-kompetenza tagħhom li jiżguraw li l-kurrikula u l-kotba skolastiċi ma jkunux jippropagaw ebda diskriminazzjoni.

Fastidju sesswali.
Att XXII ta' l-2002.

9. (1) Mingħajr preġudizzju għall-provvedimenti ta' l-artikolu 29 ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, persuni ma jistgħux jagħtu fastidju sesswali lil xi persuni oħra, jiġifieri:

(a) li jassoġġettaw lil persuni oħra jagħmlu xi att ta' intimità fiżika; jew

(b) li jitolbu favuri sesswali mingħand persuni oħra; jew

(ċ) li jassoġġettaw lil persuni oħra għall-għemil ta' xi att jew it-twettieq ta' xi mġieba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem mitkellma, mossi jew l-għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi jew xi materjal ieħor, meta l-att, il-kliem jew l-imġieba ma jkunux jogħġbu lill-persuni li jkunu indirizzati lejhom u jkunu jistgħu raġonevolment jitqiesu bħala li huma offensivi, umiljanti jew intimidatorji fir-rigward tal-persuni li jkunu diretti lejhom, jew

(d) meta l-persuni hekk assoġġettati jew mitluba jiġu ttrattati b'mod anqas favorevoli minħabba f'li għax dawk il-persuni jkunu ċaħdu jew ċedew għal dak l-assoġġettament jew talba, jista' jkun raġonevolment antiċipat li dawk il-persuni jkunu se jiġu ttrattati b'dak il-mod.

(2) (a) Persuni responsabbli għal xi post tax-xogħol, stabbiliment jew enti edukattivi li jipprovdi taħriġ jew gwida

vokazzjonali jew għal xi stabbiliment fejn jiġu offruti oġġetti, servizzi jew faċilitajiet ta' akkomodazzjoni lill-pubbliku, m'għandhomx jippermettu lil persuni oħra li jkollhom jedd ikunu preżenti fi, jew li jagħmlu użu minn xi faċilità, oġġett jew servizz ipprovdut f'dak il-post, li jġarrbu fastidju sesswali f'dak il-post.

(b) Persuni li jkunu responsabbli kif hawn qabel imsemmi jistgħu jiddefendu ruħhom dwar dak li jkunu għamlu billi jġibu prova li huma jkunu ħadu dawk il-passi li jistgħu jkunu raġonevolment prattikabbli biex jipprevjenu dak il-fastidju sesswali.

(3) Persuni li jagħtu fastidju sesswali lil xi ħadd ieħor ikunu ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu u jistgħu, mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà ulterjuri taħt kull liġi oħra, meta jinsabu ħatja jeħlu multa ta' mhux iżjed minn elf lira jew priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Riklam diskriminatorju.
Att XXII ta' l-2002.

10. (1) Mingħajr preġudizzju għall-provvedimenti ta' l-artikolu 26 ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, persuni ma jistgħux jippubblikaw, jew jesponu jew iġiegħlu li jiġi pubblikat jew espost xi riklam, jew, xort'oħra li jirreklamaw post battal għal xi impieg li jkun jiddiskrimina bejn min ikun qed ifittex ix-xogħol jew jitlob mingħand min ikun qed ifittex ix-xogħol informazzjoni li tkun tirrigwarda l-ħajja privata tagħhom jew il-pjanijiet li jkollhom dwar it-tkabbir tal-familja tagħhom:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu m'għandhomx japplikaw f'dawk il-każijiet fejn il-prinċipali jġibu prova li x-xogħol li jkollu x'jaqsam ma' dak li jkun ġie reklamat ikun jista' biss isir minn persuna ta' xi sess speċifiku.

(2) Persuni ma jistgħux jippubblikaw jew jesponu jew iġiegħlu li jiġi ppubblikat jew espost xi riklam li jkun jippromwovi d-diskriminazzjoni jew li jkun xort'oħra jiddiskrimina.

(3) Persuni li jiksru s-subartikolu (1) jew (2) ta' dan l-artikolu jkunu ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu u jistgħu, meta jinsabu ħatja, jeħlu l-pieni li hemm għall-kontravvenzjonijiet.

(4) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, reklamar tinkludi t-tixrid ta' informazzjoni dwar il-post battal bil-fomm minn persuna għall-oħra.

Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa.

11. (1) Il-Prim Ministru għandu bil-parir tal-Ministru jaħtar Kummissjoni li tkun magħrufa bħala l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa (hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "il-Kummissjoni") komposta minn president li

jissejjaħ jew tissejjaħ il-Kummissarju għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kummissarju") u sitt membri oħra, li mill-anqas tlieta minnhom ikunu nisa.

(2) Il-membri kollha tal-Kummissjoni jinħatru mill-Prim Ministru minn fost dawk il-persuni li jkun jidhirlu li jkunu l-aktar adatti li jittrattaw kwistjonijiet ta' ugwaljanza għall-irġiel u nisa, u, jew, kwistjonijiet amministrattivi li jkollhom x'jaqsmu ma' dan.

(3) Il-membri tal-Kummissjoni għandhom jibqgħu fil-kariga għal żmien sentejn u jistgħu jerġgħu jiġu maħtura fi tmiem iż-żmien tal-kariga.

(4) Il-Prim Ministru jista' jtemm il-ħatra ta' membri tal-Kummissjoni jekk ikun sodisfatt illi persuni:

(a) mingħajr il-kunsens tal-Kummissjoni jkunu naqsu milli jattendu għal laqgħat tal-Kummissjoni matul perjodu kontinwu ta' sitt xhur;

(b) jkunu ġew dikjarati falluti jew ikunu għamlu arranġament mal-kredituri tagħhom, jew ikunu insolventi jew ikunu instabu ħatja ta' delitt volontarju kontra l-persuna; jew

(ċ) ma jkunux kapaċi jwettqu dmirijiethom.

(5) Il-*quorum* tal-Kummissjoni jkun ta' erba' membri, li persuna minnhom tkun il-Kummissarju.

(6) Il-validità tal-proċedimenti tal-Kummissjoni ma jintlaqtux b'xi vakanza fost il-membri tal-Kummissjoni jew b'xi difett fil-ħatra ta' xi membru.

(7) Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni għandhom jittieħdu bil-maġġoranza tal-voti tal-membri preżenti. Il-Kummissarju jkollu jew ikollha wkoll vot deċiżiv.

(8) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u tar-regolamenti magħmulin taħtu, il-Kummissjoni tista' taħtar sotto-kumitati u, b'mod ġenerali, għandha tirregola l-proċeduri tagħha.

Funzjonijiet u status tal-Kummissarju u tal-Kummissjoni.

12. (1) Dawn il-funzjonijiet li ġejjin jappartjenu lill-Kummissarju, bl-għajnuna tal-Kummissjoni, jiġifieri:

(a) l-identifikazzjoni, li tiġi stabbilita u aġġornata kull politika li direttament jew indirettament ikollha x'taqsam ma' kwistjonijiet ta' ugwaljanza għall-irġiel u n-nisa;

(b) l-identifikazzjoni tal-ħtiġiet ta' persuni li huma żvantaġġati minħabba fis-sess tagħhom u li jittieħdu dawk il-passi fis-setgħa tal-Kummissarju u jiġu proposti miżuri adatti biex jiġu indirizzati dawk il-ħtiġiet bl-iktar mod estensiv possibbli;

(ċ) is-sorveljanza ta' l-implimentazzjoni ta' kull politika nazzjonali dwar il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza għall-irġiel u n-nisa;

(d) il-koordinazzjoni bejn, u li tiġi żgurata l-koordinazzjoni meħtieġa bejn, dipartimenti tal-gvern u aġenziji oħra fl-implimentazzjoni ta' miżuri, servizzi jew inizjattivi proposti mill-Gvern jew mill-Kummissjoni minn żmien għal żmien;

(e) li jinżamm kuntatt dirett u kontinwu ma' korpi lokali u esteri li jaħdmu fil-kamp ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza, u ma' gruppi, aġenziji jew individwi oħra skond il-ħtieġa;

(f) li ssir ħidma biex tinkiseb l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa;

(ġ) li jsiru investigazzjonijiet ġenerali bil-għan li jiġi stabbilit jekk id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ikunux qegħdin jiġu mħarsa;

(ħ) li jiġu investigati lmenti ta' xorta iktar partikolari jew individwali sabiex ikun jista' jiġi stabbilit jekk id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ikunux qegħdin jinkisru fil-konfront ta' min ikun qed jagħmel l-ilment u, meta hekk jitqies adatt, li jagħmilha jew tagħmilha ta' medjatur dwar dawk l-ilmenti;

(i) l-indaġni u l-għoti ta' pariri jew li jintlaħqu konklużjonijiet dwar kull ħaġa li jkollha x'taqsam ma' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa hekk kif jistgħu jiġu riferiti mill-Ministru;

(j) li tingħata assistenza, meta u skond ma jkun adatt, lil persuni li jkunu qegħdin ibatu minn xi diskriminazzjoni meta dawn jiġu biex jiksbu d-drittijiet tagħhom taħt dan l-Att;

(k) is-sorveljanza tat-twettiq ta' dan l-Att, u meta jkun hekk meħtieġ, fuq talba tal-Ministru jew xort'oħra, li jiġu ppreżentati proposti biex l-Att jiġi emendat jew sostitwit;

(l) it-twettiq ta' kull funzjoni oħra li tista' tiġi assenjata b'dan l-Att jew b'kull Att ieħor jew dawk il-funzjonijiet l-oħra li jistgħu jiġu assenjati mill-Ministru.

(2) Mal-ħatra li ssir mill-Prim Ministru ta' l-ewwel membri, il-Kummissjoni jkollha personalità ġuridika separata minn dik tal-Gvern u r-rappreżentanza ġuridika tagħha tkun tvesti fil-Kummissarju:

Iżda l-Kummissjoni tista' taħtar lil xi membru tagħha wieħed jew aktar minn wieħed jew lil xi persuna oħra, biex jidhru f'isimha u għannom tagħha fi proċedimenti ġudizzjarji, u fuq kull att, kuntratt, ftehim jew dokument li jkun.

Ħaddiema tal-Kummissjoni.

13. (1) Il-Kummissjoni tkun amministrata minn Direttur Eżekuttiv li jaġixxi jew taġixxi skond il-politika stabbilita mill-Kummissjoni u skond dawk l-istruzzjonijiet li jistgħu jingħataw mill-Kummissarju.

(2) Id-Direttur Eżekuttiv jibqa' jew tibqa' fil-kariga taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Kummissarju, bi ftehim mal-Ministru, jista' jew tista' tistabbilixxi. Meta d-Direttur Eżekuttiv ikun uffiċjal pubbliku issekondat mill-Gvern, ikollu jew ikollha d-dritt mattmiem li jibqa' jew tibqa' tkun issekondata li jerġa' jew terġa' lura għall-kariga ta' qabel mingħajr ebda telf ta' grad jew senjorità.

(3) Il-Kummissjoni tista', wara konsultazzjonijiet mal-Ministru u bla ħsara għall-approvazzjoni ta' dak il-Ministru dwar l-għadd, ir-rimunerazzjoni u l-pattijiet u l-kondizzjonijiet tagħhom ta' servizz, jaħtar lil dawk l-uffiċjali li tqis li jkunu adatti.

Assenjament ta' uffiċjali pubbliċi.

(4) Il-Prim Ministru jista', fuq talba tal-Kummissjoni, minn żmien għal żmien jordna li uffiċjali pubbliċi jiġu assenjati sabiex jaqdu dmirijiethom mal-Kummissjoni f'dik il-kapaċità u b'seħħ minn dik id-data li tista' tiġi speċifikata fl-ordni.

(5) Il-perjodu li matulu ordni bħalma hemm imsemmi qabel għandu jkun japplika għal xi uffiċjali speċifikati fih, għandu kemm-il darba l-uffiċjali ma jirtirawx mis-servizz pubbliku, jew xort'oħra jtemmu milli jkunu uffiċjali pubbliċi f'data li tiġi qabel, u fid-data speċifikata fl-ordni jew meta tiġri xi ġrajja minn dawn li ġejjin, jiġifieri -

(a) l-aċċettazzjoni minn dawk l-uffiċjali pubbliċi ta' offerta ta' impieg permanenti mal-Kummissjoni; jew

(b) ir-revoka mill-Prim Ministru ta' xi ordni minnu magħmula taħt dan l-artikolu dwar dawk l-uffiċjali.

(6) Meta uffiċjali pubbliċi jiġu assenjati biex jaqdu dmirijiethom mal-Kummissjoni taħt dan l-artikolu, dawk l-uffiċjali għandhom, filwaqt ta' dak iż-żmien li matulu dik l-ordni tkun isseħħ fir-rigward tagħhom, ikunu taħt l-awtorità amministrattiva u l-kontroll tal-Kummissjoni, iżda għandhom għal kull fini u raġuni oħra jibqgħu jitqiesu li jkunu u jiġu ttrattati bħala uffiċjali pubbliċi u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi dawk l-uffiċjali pubbliċi:

(a) m'għandhomx fil-perijodu li matulu kienu hekk assenjati-

(i) ikunu preklużi milli japplikaw għal trasferiment f'xi dipartiment tal-Gvern skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tas-servizz mehmuża mal-ħatra taħt il-Gvern li huma kellhom fid-data meta huma jkunu hekk ġew assenjati f'dik il-kariga; jew

(ii) ikunu impjegati b'mod li r-rimunerazzjoni u l-kondizzjonijiet ta' servizz tagħhom jkunu inqas favorevoli minn dawk li jkunu mehmuża mal-ħatra taħt il-Gvern li huma kellhom fid-data meta jkunu ġew hekk assenjati jew li setgħu intehmżu matul dak il-perijodu li kieku dawk l-uffiċjali ma jkunux ġew hekk assenjati; u

(b) ikollhom jedd li s-servizz tagħhom mal-Kummissjoni jitqiesu bħala servizz mal-Gvern għall-fini ta' kull pensjoni, gratwità jew benefiċċju taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema ; u

Kap. 93.
Kap. 58.

(ċ) kull applikazzjoni li ssir taħt subparagrafu (i) ta' paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu, għandha titqies bl-istess mod bħallikieku l-applikanti ma jkunux ġew hekk assenjati.

(7) Il-Kummissjoni għandha tħallas lill-Gvern dawk il-kontribuzzjonijiet li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-finanzi għar-rigward tan-nefqa ta' pensjonijiet u gratwitajiet li uffiċjali assenjati biex jaqdu dmirijiethom mal-Kummissjoni jaqilgħu, matul il-perijodu li fih huma jkunu ġew hekk assenjati.

Finanzjar tal-Kummissjoni.

14. (1) Il-finanzjament tal-Kummissjoni għandu jsir minn flejjes allokati lilha mill-Ministru minn flus ivvotati mill-Parlament għal attivitajiet taħt il-Ministeru relattiv jew minn flus li jistgħu jingħatawlha jew jiġu allokati lilha minn sorsi oħra f'Malta jew barra minn Malta.

(2) Mill-inqas xahrejn qabel tmiem is-sena finanzjarja tagħha l-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Ministru, pjan ta' ħidma (inkluż pjan finanzjarju) li jkun ikopri l-attivitajiet proposti tal-Kummissjoni matul is-sena finanzjarja li jkun imiss matul is-sena finanzjarja li tiġi minnufih wara. Meta jiġi approvat mill-Ministru u mill-Ministru responsabbli għall-finanzi, dak il-pjan ta' attivita, jkun l-estimi approvat tal-Kummissjoni.

(3) Il-Kummissjoni għandha żżomm kontijiet kif imiss tad-dħul u l-ħruġ tagħha u għandha tipprepara u tibgħat lill-Ministru dikjarazzjonijiet ta' kontijiet dwar kull waħda mis-snin finanzjarji tagħha. Kontijiet.

(4) Il-kontijiet tal-Kummissjoni għandhom jiġu verifikati minn awditur jew awdituri maħtura minnha bl-approvazzjoni tal-Ministru: Verifika.

Iżda l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jeħtieġ li l-kotba u r-*records* tal-Kummissjoni jiġu verifikati jew eżaminati mill-Awditur Generali li jkollu għal dak l-għan is-setgħa li jagħmel verifika fiżika jew kull verifika oħra, u jista' jitlob u jikseb dik l-informazzjoni, skond ma tista' tenħtieġ.

(5) Is-sena finanzjarja tal-Kummissjoni tibda fl-1 ta' Jannar u tintemm fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena:

Iżda l-ewwel sena finanzjarja tal-Kummissjoni tibda mal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att u ttemm fil-31 ta' Diċembru tas-sena li tiġi minnufih wara.

15. (1) Kemm jista' jkun prattikament malajr wara tmiem kull sena kalendarja, imma f'kull każ mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena li tiġi minnufih wara, l-Kummissjoni tista' tippreżenta lill-Ministru rapport ta' l-attivitajiet tagħha matul is-sena (liema rapport hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu jissejjaħ bħala "r-Rapport Annwali"). Rapport annwali.

(2) Kull Rapport Annwali għandu jinkludi fih rapport ġenerali ta' l-iżviluppi matul il-perjodu li jkun jirrigwarda għal dawk li huma kwistjonijiet li jinkwadraw fil-funzjonijiet tal-Kummissjoni u għandhom ukoll jinkludu rapport fuq l-attivitajiet, inizjattivi, investigazzjonijet u inizjattivi meħudin biex jissopprimu d-diskriminazzjoni u jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

(3) Il-Ministru għandu, kemm jista' jkun prattikament malajr iżda f'kull każ mhux iktar tard minn xahrejn wara li dan jiġi

ppreżentat lilu mill-Kummissjoni, jara li kopja tar-Rapport Annwali flimkien ma' kopja tal-pjan korrenti ta' attività u finanzjarju tal-Kummissjoni jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

Eżenżjoni mit-Taxxa fuq l-*Income*, Kap. 123.

16. Il-Kummissjoni tkun eżenti minn kull obbligu ta' ħlas ta' taxxa, dwar l-*income* tagħha, taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

Ilmenti u investigazzjoni.

17. (1) Il-Kummissarju jista' jibda investigazzjonijiet minn jeddu dwar kull ħaġa li tinvolvi xi att jew ommissjoni li jkunu allegatament illeġittimi taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Il-Kummissarju jista' wkoll jibda investigazzjonijiet malli jirċievi lment bil-miktub minn persuni li jallegaw li jkunu l-vittma ta' xi att jew ommissjoni kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

(3) Jekk ikun jidher lill-Kummissarju li persuni li jkunu jixtiequ jagħmlu xi lment taħt l-artikolu (2) ta' dan l-artikolu jkollhom bżonn l-għajnuna biex jifformulaw l-ilment, għandhom jittieħdu jew jiġu ordnati li jittieħdu mill-Kummissarju dawk il-passi raġonevoli li jistgħu jkunu meħtieġa biex jassistu lil dawk il-persuni jagħmlu l-ilment tagħhom.

Azzjoni li l-Kummissarju jieħu wara investigazzjoni.

18. (1) Wara li jagħmel jew tagħmel l-investigazzjoni l-Kummissarju jista' jew tista' -

(a) jiċħad jew tiċħad l-ilment, jew

(b) jiddeċiedi jew tiddeċiedi li l-ilment ikun ġie ppruvat u għaldaqshekk huwa għandu:

(i) meta l-azzjoni li jkun sar ilment dwarha tkun tikkostitwixxi reat, għandu jsir rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija biex imexxi min-naħa tiegħu; jew

(ii) meta l-azzjoni li jkun sar ilment dwarha ma tkunx tikkostitwixxi reat, għandha tiġi interpellata l-persuna li kontriha jkun sar l-ilment sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni, u tagħmilha ta' medjatur bejn min jilmenta u dik il-persuna bil-għan li tiġi risolta l-kwistjoni;

(2) Ir-riżultanzi tal-Kummissarju taħt is-subartikolu (1) ma jkunux vinkolanti fuq min jilmenta u l-persuna li kontriha jkun indirizzat l-ilment kemm-il darba dawn ma jiddikjarawx b'mod espress u bil-miktub li huma hekk marbutin.

(3) Fir-rigward ta' investigazzjonijiet ġenerali jew investigazzjonijiet li jsiru fuq ilmenti mill-Kummissarju, il-Ministru jista' jippreskrivi:-

(a) l-proċedura li biha l-Kummissarju jista' jitlob lil xi persuna tipprovdi dik l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa għall-investigazzjoni, kif ukoll iż-żmien sa meta u l-mod kif dik l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta;

(b) il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti meta persuna tonqos milli tipprovdi dik l-informazzjoni ċ-ċirkostanzi, li fihom wara investigazzjoni kif hawn qabel imsemmi, l-Kummissjoni tista' hi nnifisha tieħu azzjoni legali.

(4) Regolamenti taħt is-subartikolu (3) jistgħu jipprovdu, fil-każ ta' diskriminazzjoni allegata minn xi persuna kontra l-oħra, l-arranġamenti li bihom il-Kummissjoni tista' hi nnifisha tirreferi l-kwistjoni lill-qorti ċivili kompetenti jew lit-Tribunal Industrijali għal rimedju:

Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu m'għandha tipprevjeni lil xi persuna li jkollha interess legali milli hi nnifisha tibda xi azzjoni għal rimedju jew meta xi azzjoni tkun ittieħdet mill-Kummissjoni, milli tintervjeni u ssir parti fil-kawża.

(5) Il-Kummissarju u kull membru ieħor tal-Kummissjoni jew xi membru tal-ħaddiema tal-Kummissjoni għandhom jittrattaw kull ħaġa li jsiru jafu biha matul xi investigazzjoni bħala konfidenzjali u m'għandhomx jiżvelawha kemm-il darba dak l-iżvelar ma jkunx meħtieġ matul xi prosekuzzjoni jew azzjoni għal rimedju taħt dan l-Att.

19. (1) Mingħajr preġudizzju għall-provvedimenti ta' l-artikolu 30 ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonjiet Industrijali, kull min jallega li persuna tkun għamlet xi att fil-konfront tiegħu jew tagħha, li taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ikun kontra l-liġi, jkollu jew ikollha dritt ta' azzjoni quddiem il-qorti kompetenti ta' ġurisdizzjoni ċivili fejn jitlob jew titlob lill-qorti tordna lill-konvenut jiddeżisti mill-attijiet tiegħu jew tagħha kontra l-liġi u, meta dan ikun japplika, tordna li jsir il-ħlas ta' kumpens għal dik il-ħsara li jkun ġarrab jew tkun ġarrbet minħabba f'dak l-att kontra l-liġi. Proċedimenti ċivili. Att XXII ta' l-2002.

(2) Fi proċedimenti taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ikun biżżejjed li l-attur iġib jew iġġib prova ta' trattament b'mod anqas favorevoli minħabba fis-sess tiegħu jew tagħha jew minħabba responsabbiltajiet li ġġib il-familja u l-oneru jkun fuq il-konvenut li

jġib jew iġġib prova li dak it-trattament anqas favorevoli kien ġustifikat skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

Setgha ta' ghemil ta' regolamenti.

20. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti b'mod ġenerali sabiex jagħti seħħ lid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u l-infurzar tiegħu, u b'mod partikolari, imma mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi:-

(a) biex jiġi pprovdut dwar kull kwistjoni li tkun meħtieġa jew awtorizzata bl-Att li tiġi preskritta; u

(b) biex jipprovdi għal kull ħaġa relatata mal-ugwaljanza għall-irġiel u n-nisa; u

(ċ) għall-eżenzjoni ta' xi persuna, jew klassi ta' persuni jew korp, mill-ħtiġiet ta' l-artikolu 4 (1) ta' dan l-Att sakemm dan ikun jirrigwarda l-artikolu 4 (1) paragrafu (a) u (b), l-artikolu 5 u l-artikolu 10 ta' dan l-Att skond ma jista' jiġi speċifikat fir-regolamenti hawn qabel imsemmija; iżda xi eżenzjoni bħal dik tista' biss tiġi preskritta mill-Ministru wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni u sakemm dik l-ezenzjoni tkun għal perjodu ta' żmien speċifikat li jista' jiġġedded mill-Ministru wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 858 tas-27 ta' Jannar, 2003.

ANTON TABONE
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati